**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 465/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**Andrew St. John, detentur tal-karta tal-identita` numru 343480M**

**Illum:** 24 ta' Settembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Andrew St. John u cioe` talli:

Nhar it-02 ta' Frar, 2019, għal ħabta ta' bejn it-15:00 hrs. u s-19:00 hrs fil-fond St.Anna, Triq id- Dejma, Hal Tarxien, Malta

Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-mara tiegħu Antonella St.John, ġrieħi ta' natura hafifa, jew gabilha disordni f'moħħha kif iċċertifika Dr. Patrick Galea MD Reg. No. 3481 tac-Centru tas-Sahha, Paola, u li bhalha uffiċjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex r-reat ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikli **141, 214, 215, 221(1), 222(1)(a)** tal-Kodiċi Kriminali.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar fuq martu Antonella St.John, sabiex iġiegħel li tagħmel, iħalli ssir, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-

abilitajiet ta' Antonella St.John jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg u dan bi ksur tal-Artikli **251**(1) u **251H** tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Antonella St.John, tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu **412Ċ** tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Antonella St.John ai termini tal-Artikolu **383 et. seq.** tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Il-prosekuzzjoni bdiet il-kaz taghha billi esebiet il-**Current Incident Report**[1] kif ukoll l-**istqarrija**[2] li giet rrilaxxata mill-imputat. Jistqarr kif meta martu taghat kastig lill-ibnu ta' tlett snin biex joqghod fil-*"corner"*, hass li kienet qed tkun kiefra wisq mieghu w biex jipprova jnehhi ftit mit-tensjoni beda jiccajtha ma ibnu w jghidlu *"b'ton simpatiku 'stay in the corner"*. Martu bdiet tghidlu ma jindahhalx u hadet lit-tifel fil-kamra tas-sodda t'ommha. Peress li kienet semmiet li kellha hsieb tkellem lil xi persuni dwar dak li allegat kienet vjolenza psikologika li kienet qed tigi pperpetrata minnu, mar warajha u staqsieha ghal min kienet qed tghid filwaqt li qalilha biex ma taqlax inkwiet fil-familja. Hemmhekk *"bdiet tghajjat u qaltli issa nirrangak u qabdet tghajjat f'wicci...jien hassejt li qed nigi provokat u ghidtilha biex ma tbezlaqx f'wicci ghax mhux iz-zibel taghha....dejjem konxxju biex ma nirritaljax, ghax hi dejjem tara kif taghmel biex jien*

[1] Fol.5-8

[2] Fol.10-15. Ikkonfermata bix-xhieda tal-Ispettur Cini fl-udjenza tat-3 ta' Settembru, 2019.

*nirritalja....ergajt tlabtha biex tersaq ghal darbtejn tlieta u bdiet tisfidani bi kliem 'x'se taghmilli"*. Baqghet fin-nofs ta' passagg dejjaq li kien hemm bejn is-sodda u l-gradenza, u biex setgha jghaddi ghax ma resqitx qabadha mit-tarf tal-ghonq tal-gakketta u ressaqha, *"ressaqtha bl-inqas mod ta' kuntatt"*.[3] Martu bdiet kull darba tmur lura fl-istess posizzjoni u hu rega' pprova jghaddi bl-istess mod. F'mument minnhom qalet li hatfilha wicca, sawwatha w ghalhekk kienet ser taghmillu rapport. *"Jien nkoregejtha sabiex tmur taghmlu dak il-hin sabiex jaraw li m'ghandha xejn ghax m'ghamilt l-ebda kuntatt fiziku maghha. Talabha jiehu ritratt bil-mobile tieghu tal-griehi li qalet li garrbet izda bdiet tghajjat biex ma jittiehdulhiex ritratti. ...Dan ghaliex li mhux l-ewwel darba li ddawwar l-affarijiet kif ikunu f'diversi sitwazzjonijiet li jkunu cari li jiena l-vittma ta' vjolenza domestika minn naha taghha jirnexxilha ddawwarha b'mod li tigi hi l-vittma"*. Tenna li kien ilu snin abbuzat minn martu kemm fizikament kif ukoll psikologikament.[4]

Jirrizulta mill-atti li r-rapport sar l-ghada fil-11:50am.

Illi l-parte leza w mart l-imputat, Antonella St. John, spjegat kif nhar it-2 ta' Frar, 2019, wara li kkoreggiet lill-binha Gabriel talli sawwat lill-ohtu, dan kien irritalja billi besqilha. Ghalhekk tefghatu fir-rokna bhala kastig. L-imputat li kien rieqed, u malli qam u nduna li t-tifel kien ha dak il-kastig meta jinkieh u jghajjat *"corner. Corner u t-tifel beda johodha wisq bil-kbira u beda jibki hafna...jinstabat mal-art"*.[5] Meta talbitu jieqaf qalilha *"tindahalax pulcinella.....spicca jajarni demel u jien hadt ghalija"*.[6] Kompliet tahsel il-platti u ghalkemm zewgha beda jkellimha qisu qatt ma kien gara xejn, iddecidiet ma twegibux lura ghaliex kienet ghadha fastidjata bl-attitudini u l-atteggjament tieghu. Kien hawn li Andrew *"beda jissupervja u beda jirrabja, beda jghajjat l-argument kompla jiskala....Hu kompla jirvilla u kompla jitilawlu u ghal erba darbiet gie jabadni bl-gherra mill-ghonq tal-gaketta beda jaghmilli wicci ma wiccu u jghajjat kemm jiflah.....beda jghajjat ghajjat li t-triq tisimaw [sic] zgur"*.[7] Xehdet li hi ma setghetx taccetta il-kliem ta' 'pulcinella' u 'demel' li ntqalu quddiem uliedha. Tixhed li zewgha rrabjat kif kien *"Hu qabadni erbgha darbiet, jimbuttani ghal fuqu, mal-hames darba li mar biex jaqbadni mill-ghonq qabadni minn wicci"*.[8] Filwaqt li ghalhekk

---

[3] Fol.11-12
[4] Fol.13
[5] Fol.26-27
[6] Fol.27
[7] Fol.27-28
[8] Fol.29

b'onesta tammetti li l-imputat kien laqatha u kien b'mod accidentali li soffriet il-grif hija kienet istitwit dawn il-proceduri *"minhabba **l-hsara mentali kbira** li saret fuqi u fuq it-tfal...Dak huwa abbuz mentali ukoll"*[9].

Il-Qorti tissottolineja li kif jirrizulta mill-akkuzi l-parte leza hija biss Antonella u mhux uliedha wkoll. L-akkuzi huma limitati ghall-hin specifiku u cioe` perjodu ta' 4 sighat. Ghalhekk il-parte leza tikkontendi li kienu f'dawn l-erba sighat li avverra ruhu r-reat ravvizat bl-artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghalkemm il-parte leza kif ukoll l-imputat jammettu li dak li sehh gara meta fid-dar kien hemm omm Antonella, meta din ix-xhud ittellghet tixhed, ma setghetx titfa' dawl fuq l-akkadut. Il-Qorti ser tkun ferm kawta milli tesprimi ruhha dwar il-kredibbilita` ta' din ix-xhud.

Issa galadarba qed jigi koncess mill-parte leza li l-griehi subiti minnha setghu saru b'mod accidentali, abbazi tal-provi prodotti, lanqas ma jista' jinghad b'certezza morali li l-griehi gew kaggonati mill-imputat b'mod involontarju.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali f' **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**, ddecidiet:[10]

> "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
>
> 1. *la volontarieta dell'atto;*
> 2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
> 3. *la possibilita di prevedere.*
>
> Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)".[11]
>
> Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-*culpa*, "*... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere*."

---

[9] Fol.30
[10] Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Dec. 28.02.2018; Appell Nru.89/2017
[11] Il-Pulizija v Leonard Grech decided by the Court of Criminal Appeals on the 5th September, 1990

> Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk: "*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".

Ghaldaqstant in vista tal-fatt li ma giex soddisfacentment ppruvat li l-effetti dannuzi kienu prevedibbli, ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tinoltra ruhha ulterjorment fuq l-ewwel akkuza.

Jibqa' ghalhekk sabiex jigi determinat jekk l-agir tal-imputat jistghax jinghad li jinkwadra f'agir sancit bl-artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

> **251.** (1) Kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan.

Antonella St. John tispjega dak li skond hi kien jikkonstitwixxi l-abbuz mentali *"kelli nissaporta sa sebgha ta' filghaxija b'hafna puntar ta' swaba li alla hares naghmilu xi rapport jew xi haga ghax nista speci infottilu xogholu u li **jkollhi konsegwenzi hziena jekk naghmilha**"*.[12] Imbghad tkompli tiddeskrivi l-atteggajment tal-imputat l-ghada filghodu meta rritorna mix-xoghol. Madanakollu din il-qorti, tenut kont ta' kif inhi formulata l-akkuza li tispecifika l-hin tar-reat addebitat lill-imputat, hi prekluza milli tikkunsidraha ulterjorment.

In kontro-ezami tkompli tispjega ghaliex hassitha mwegga' bid-diskors tal-imputat *"sakemm qed jiekol qed jghajjarni tindahalx ja pulcinella....l-iktar li weggajt hu li kif dak il-platt li kelli jiena lestejtlu, l-pulcinella inbiddlet f'demel"*.[13]

Mhemmx dubbju li aggettivi simili mliesna mill-imputat propju fil-konfront ta' min qed jaghmel hiltu biex ma jonqosx mid-doveri tieghu, kemm bhala omm ta' zewg uliedu kif ukoll bhala martu, huma gratwiti u dispregattivi. Iwegghu bla bzonn u certament ma jaghmlux gieh li min ilisienhom.

---

[12] Fol.30-31

[13] Fol.42

Izda b'daqshekk jista' jinghad li dawn wasslu sabiex titwettaq vjolenza psikologika fuqha?

Ma jistax ma jigix sottolinejat li fir-rapport li l-parte leza ghamlet mal-Pulizija l-ghada filghodu w ghalhekk meta l-fatti kienu ghadhom friski f'mohha, filwaqt li ssemmi kif kienet giet insulentata mill-imputat, l-unika abbuz psikologiku li ssemmi hu dak li kien qed issir fil-konfront ta' **binha. Mkien ma tallega mal-pulizija li kien sar xi abbuz morali jew psikologiku fuqha!** F'dak ir-rapport issemmi kif Andrew tenna l-kliem *"jekk tamilli [sic] hsara f'xoghli nisparixijk"*.[14]

L-akkuza ravvizata bl-artikolu 251(1) titkellem cjar. Dak li hu sancit hu il-vjolenza morali u, jew psikologika. Din il-Qorti ma tqis li b'dan il-kliem, bl-impuntar ta' swaba u t-theddida sottili biex ma taghmilx rapport kontra l-imputat, imgieba li inkluz l-argument u l-battibekki inizjali saret f'temp ta' 4 sighat, jista' jitqies li jikkostitwixxi vjolenza morali jew psikologika, ghalkemm certament hu atteggajment deplorevoli ghall-ahhar specjalment meta jitqies min kien qed ilissen tali kliem, liema kliem sar fil-konfront propju ta' dik li kienet qed taghmel dmira mal-istess zewgha billi rat li jmur ghax-xoghol b'zaqqu mimlija.

Il-Qorti trid issa tiddetermina jekk l-imgieba tal-imputat tinkwadrax fir-reat prospettat bl-artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali.

Dan is-subartikolu gie emendat ricentement bl-***Att XIII tal-2018***[15] li, *inter alia,* gie promulgat *"biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu esegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta…"*.

---

[14] Fol.6

[15] *ATT biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra lvjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu esegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta; biex jippromwovi u jipproteġi ddritt ta' kulħadd, u partikolarment persuni f'riskju li jiġu esposti għal vjolenza domestika li jgħixu ħajja ħielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata; biex jirrevoka l-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kap. 481) u l-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Kap. 532) u biex jagħmel emendi konsegwenzjali f'għadd ta' liġijiet varji.*

**Fost l-artikoli f'dik il-Konvenzjoni hemm dak li jittratta l-vjolenza psikologika filwaqt li <u>ma hemm ebda riferenza</u> dwar vjolenza morali u konsegwentement kif din t<u>iddistingwi</u> ruhha minn dik psikologika.**

> Artikolu 33 – Vjolenza psikoloġika
>
> Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li tiġi kriminalizzata kwalunkwe **mġiba** intenzjonata li **tikkawża danni serji għall-integrità psikoloġika** ta' persuna permezz ta' ġegħil jew theddid.

Meta jigi kkunsidrat dak li jipprovdi l-*Explanatory Report to the Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence, Istanbul, 11.V.2011,* dwar liema agir ghandu jikkostitwixxi vjolenza psikologika, issir emfazi kbira li **l-agir kriminuz ma jridx ikun xi att izolat izda hu essenzjali li jkun hemm *'course of conduct'***:

> Article 33 –Psychological violence….
>
> 181. **This provision refers to a course of conduct rather than a single event.** It is intended to capture the criminal nature of an **abusive pattern of behaviour occurring over time** – within or outside the family. Psychological violence often precedes or accompanies physical and sexual violence in intimate relationships (domestic violence). ….

Imbghad jizdied rekwizit iehor u cioe` li dak l-agir rrid ikun tali li ***"seriously impairs another person's psychological integrity".***

> 179. This article sets out the offence of psychological violence. The drafters agreed to criminally sanction any intentional conduct that **seriously impairs** another person's psychological integrity through coercion or threats. The interpretation of the word "intentional" is left to domestic law, but the requirement for intentional conduct relates to all the elements of the offence.
>
> 180. The extent of the offence is limited to intentional conduct which **seriously impairs** and damages a person's psychological integrity which can be done by various means and methods. The Convention does not define what is meant by serious impairment. Use must be made of coercion or threats for behaviour to come under this provision.

Jibqa' l-fatt li ghalkemm bl-emendi introdotti ghall-artikolu 251(1) tal-Kodici l-legizlatur ma ghazilx li l-artikolu 33 tal-Konvenzjoni jigi trammandat fid-dritt Malti kelma b'kelma, it-tifsira ta' dak li ghandu jammonta ghal 'vjolenza psikologika' ghandha tkun precizament dik it-tifsira li tinsab fl-***Att XIII tal-2018*** in kwantu kien ghall-finijiet specifici li tigi trammandata dik il-Konvenzjoni fid-dritt, inkluz dak penali, Malti, li saret dik l-emenda. Dik it-tifsira tesigi *"**mġiba** intenzjonata li **tikkawża***

***danni serji għall-integrità psikoloġika*** *ta' persuna permezz ta' ġegħil jew theddid"* [Art.33 Konvenzjoni].

Ghall-istess ragunijiet u tenut kont ta' dak li jipprovdi l-*Explanatory Memorandum,* hu necessarju li l-att kriminuz li jikkostitwixxi vjolenza psikologika ma jkunx xi att izolat izda *"**a course of conduct rather than a single event.** It is intended to capture the criminal nature of an **abusive pattern of behaviour occurring over time."*** [Para. 181].

Fil-kaz in dezamina l-parte leza tallega li hi kienet ilha ssofri minn agir abbuziv tal-imputat li fil-fehma taghha kien jikkostitwxxi abbuz psikologiku. Izda dak li jrid jigi deciz minn din il-Qorti hu determinat u cirkoskritt mit-termini tac-citazzjoni li jirreferi biss ghall-perjodu ta' 4 sighat ta' jum wiehed partikolari.

Xi provi ngabu li juru, sal-grad rikjest bil-ligi, li dak li ghamel l-imputat kien jammonta ghall-vjolenza psikologika fis-sens li bl-imgieba tieghu, u cioe` bit theddid tieghu li jekk tirrapurtah *"nisparixijk"* [16]u *"jkollhi konsegwenzi hziena jekk naghmilha",*[17] kkawża danni serji għall-integrità psikoloġika ta' martu?

Mill-atti processwali jirrizulta li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq id-debita prova dwar dan. Ghalkemm il-parte leza ssemmi l-abbuz psikologiku fuqha – *'a tempo vergine'* (l-ghada) ssemmi biss dak fuq binha – ma resqietx provi sal-grad rikjest mill-ligi li tali abbuz kkawza danni serji ghall-integrita` psikologika taghha! Dan kellu jsir billi l-prosekuzzjoni titlob il-hatra t'esperti in materja ghalkemm irid jinghad ukoll li kwalunkwe rizultanza ta' tali danni serji kienet tinnecesita` li tintrabat mad-data u hin kif addebitat fl-akkuza li tirreferi ghall-incident izolat.

L-agir tal-imputat setgha jikkostitwixxi biss r-reati kontravvenzjonali ravvizati bl-artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kodici Kriminali - akkuzi li ma gewx addebitati lill-imputat[18] - izda mhux ir-reat ravvizat bl-artikolu 251(1) tal-Kodici.

---

[16] Fol.6

[17] Fol.30-31

[18] L-abbli difensur tal-parte civile accennat ghall-fatt li l-imputat ma setghax jigi addebitat bir-reat kontravvenzjonali galadarba kien skada t-terminu preskrittiv. Ghall-korretezza l-Qorti tirrimarka li peress li l-imputat hu ufficjal pubbliku, japplika

Ghal dawn il-mottivi, in vista tal-mankanza assoluta ta' provi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

Finalment sabiex jigu prottetti l-ulied minuri kif ukoll l-istess parte leza,[19] il-Qorti qieghda tordna illi jkun hemm divjett tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat u dak ta' martu fil-gazzetti lokali u fil-mezzi tax-xandir ta' l-istess sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

l-aggravju ravvizat bl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk meta l-artikolu 31(1)(g) tal-Kodici jigi moqri flimkien mal-artikolu 688(e), it-terminu preskrittiv ikun dak ta' sentejn.

[19] Hekk kif rikjest mill-parte leza fl-ewwel udjenza a fol.17